# SURMASTRIJIET TAL-BANDA L'ISLE ADAM

## IS-SURMAST LORENZO GATT (1856 - 1926)

*Dirkors li sar nhar it-Tlieta, 25 ta' Marzu 1986, fil-Knisja Franġiskana ta' Santa Marija ta' Ġesu', ir-Rabat ta' l-Imdina, fl-okkażjoni tal-100 sena li ilu miktub l-Innu "Popule Meus", li jitkanta mit-tfal flimkien mal-Banda L'Isle Adam, fil-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira.*

Missier Lorenzo Gatt kien jismu Ġanpatist, mużiċista magħruf u kien organista tal-Kattidral għall-14 il-sena, wara mewtu laħaq organista ta' l-istess Kattidral ta' Malta, ibnu Lorenzo fl-eta' żgħira ta' 20 sena. Lorenzo Gatt twieled f'Ħaż-Żebbuġ fit-18 ta' Settembru u minn ċkunitu trabba r-Rabat ta' l-Imdina.



L-istudju tiegħu ma' kienx ħafif u kellu ħafna sagrifiċċji biex tagħllem il-mużika. Hu kien imur darbtejn jew tlett darbiet fil-ġimgħa, mir-Rabat għall-Birgu bil-mixi, xemx jew xita, jew kultant kien isib xi rikba fuq xi ħmar tat-tagħbija, biex imur għand Dun Alwiġ Fenech tal-Birgu u għand l-Agostinjan Patri Ġużepp Spiteri Fremond, meta kont isemmi lil dawn it-tnejn mitt sena ilu, kont qisek semmejt lill Perosi għal Ruma.

Il-ħajja tas-Surmast Gatt, wieħed jista' jaqsama' fi tlieta, Organista, Direttur u Kompożitur: u l-ewwel ma nġibuh quddiem għajnejna bħala organista.

Mela kif diġa' għidna, li ta' eta' żgħira ta' 20 sena ġie magħżul organista tal-Kattidral waħdieni ta' Malta. Ma kinetx ċajta li tkun organista tal-Kattidral, f'dawk iż-żmenijiet, għax barra li s-sena kollha trid tmexxi ċ-ċelebrazzjonijiet li kienu ħafna, l-organista kien ikun ukoll marbut li jrid jikkomponi tant mużi-

ka fis-sena, bħal: Quddies solenni għal ċertu festi, xi quddies tal-mejtin, antifoni u mużika oħra. Iżda meta l-Isqof ta' dak iż-żmien, li kien Mons. Pace Forno kien jaf bl-għażla tal-Kapitlu, xejn ma ħa gost minħabba l-eta' żgħira, imma meta semgħu bla ma kien jaf is-Surmast Gatt, l-Isqof malajr biddel fehemtu, bierku u approva l-għażla tal-Kapitlu, fejn Lorenza Gatt baqa' jgawdi din il-kariga għall-41 sena sħaħ, wara l-mewt ta' missieru, Hu miet fid-9 ta' Marzu 1926, sa sena qabel, marid fis-sodda ikkompona l-famuża "Regina Coeli".

Is-suċċessur ta' Lorenzo bħala organista tal-Kattidral issa nsibu lil ibnu Manwel Gatt li wkoll għamel xi 43 sena oħra organista, jiġifieri l-familja Gatt għamlet il-fuq minn 100 sena jservi lil Kattidral fl-arti anġelika.

Dun Ġużepp Tonna li kien Surmast tal-Kor tal-Kattidral, u kien membru fil-Fratellanza tagħna ta' San Ġużeppi, tgħallem ikanta għand is-Surmast Gatt, kien jgħid; li s-surmast tiegħu, kien bħal Mikiel Anġelo Bonarrotti meta kisser l-opra tiegħu ta' Mose' għax ma tkellimx, u s-surmast Gatt mhux l-ewwel darba li kien jitkellem ma' l-orgni hu u jdoqq, għax kien jidhirlu li l-orgni għandu jwieġbu. Kienet użanza li meta ġo xi knisja kien jiżżanżan xi orgni, kienu jistiednu diversi organisti biex idoqquh, bla dubju kont tara lis-surmast Gatt mistieden minn ta' quddiem, iżda l-orgni kien idoqqu l-aħħar wieħed, biex tibqa' l-aħjar togħma.

## DIRETTUR:

Bħala Direttur tal-Baned, insibu lis-Surmast Lorenzo Gatt jidderieġi lill-Banda ta' San Ġużepp ta' Ħaż-Żebbuġ fl-1849, kien ukoll direttur ta' żewġ Baned Militari stazzjonati fl-Imtarfa. Ta' min jgħid li ż-żewġ Kmandanti riduh jingaġġa magħhom bħala Band Master tar-riġment, iżda hu qatt ma' ried jaċċetta, għax kellu qalbu wisq marbuta mal-orgni tal-Kattidral. Minbarra dawn kien Surmas Direttur tal-Banda tagħna, li llum qed nagħtuh ġieh tal-ħames snin li għamel ma' din il-Banda, u fost l-oħrajn ħalliena tifkira tant sabieħa, qed ngħid għal dan l-Innu Popule Meus, li mhux biss aħna tar-Rabat ta' l-Imdina ninsabu wisq kburin b'din il-kompożizzjoni, iżda ħafna nies jiġu għal purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira, proprju biex jisimgħu dan il-famuż Notturn, li jiena ċert li nofs l-irġiel tal-lum, meta kienu żgħar, xi sena jew oħra, ħadu sehem f'dan l-Innu. U hawn ma nistax ninsa' lil dawk in-nies, li b'tant paċenzja u dedikazzjoni offrew il-ħin tagħhom, biex minn tant xhur qabel kienu jiġbruna fil-każin tal-banda biex jgħallmuna dan l-Innu, flimkien ma innu ieħor "Erem Mancipio".

Fil-present, għal dawn l-aħħar 28 sena, biex jieħu ħsieb jgħallem lill dawn it-tfal, għandna lis-Sur Emmanuel Stivala, naturalmentt ġieli kellu xi għajnuna ta' oħrajn.

Niftakar fi tfuliti, (xi 40 sena ilu), lill Salvu Giangura, iżjed tard lill Dun Kristin Zahra, u dawk ta' qabilna jiftakru lil Ġużeppi Micallef, magħruf ma kulħadd bħala Peppu Penza, u min jaf kemm kien hemm iżjed li bl-imħabba li kellhom lejn il-Banda tagħna, u lejn din il-purċissjoni li minn dejjem kienet popolari ma' Malta kollha, biex bis-saħħa tagħhom baqa' ħaj dan l-Innu.

## KOMPOŻITUR:

Is-Surmast Lorenza Gatt kien wisq magħruf għal mużika tiegħu. Is-Sur Robbie Mifsud Bonnici, isemmi diversi xogħlijiet minn tiegħu, fil-ktieb: Mużiċisti Kompożituri, fost l-oħrajn jgħid: "Barra mill-mużika sagra, Wenzu kiteb sinfoniji, marċi-jiet, inni, mużika ballabli, mużika għall-orkestra u l-kant. Dan it-teżor ta' mużika jinsab fl-arkivju ta' ibnu Manwel".

Biċċa arti anġelika minn tas-Surmast Gatt li hi wisq għal qalb il-poplu, kienet bla dubju ta' xejn il-kant 'a cinque parti'' li kienet tit-kanta waqt l-Adorazzjoni tas-Salib nhar il-Ġimgħa l-Kbira fil-Kattidral, li jgħidu li l-Kattidral kien ikun fgat bin-nies minħabba din il-mużika, kien jiġbet ħafna nies ukoll fil-Kattidral meta s-Surmast Gatt kien idoqq xi Anniversarju tal-mejtin, jien għadni nisma' lill Mons. Carlo Cortis li kien Arċipret tal-Katidral għal ħafna snin: jgħid li waħda mill-aqwa xogħlijiet ta' Gatt, hi l-quddiesa l-kbira "de Requiem" fejn jgħid li hi kapulavur ta' mużika, jekk inkompli nikwota lil Robbie Mifsud Bonnici ntawlu ħafna, pero' l-misterju tiegħi hu: kif minn daqstant xogħolijiet mużikali ta' dan is-surmast, ftit li xejn stajt nikkwota, għax ma sibtx la fl-Arkivju tal-Banda tagħna, l-anqas ta' baned oħrajn, anzi fl-Arkivju tal-Kattidral hemm "Sancte Pauli" li hi Antifona u xi ħaġa żgħira oħra. Ħasra li meta bniedem ħalla ħajtu għal mużika, jispiċċa bix-xogħolijiet tiegħu mitlufa jew merfugħa għall-għabra u d-dlam.

Dom. Micallef
23/3/86
Ħadd il-Palm

AKKWISTA L-CASETTE BIL-MARĊI ĠODDA TAL-FESTA TA' SAN ĠUŻEPP

ferraħ lill-qrabatek emigranti b'din il-festa ta' marċi.